A.L. 326 ta' l-2003

ATT DWAR IS-SERVIZZI VETERINARJI (ATT NRU. XXIII TA' L-2001)

Regolamenti ta' l-2003 dwar Metodi għall-Monitoraġġ tal-Ħidma u l-Assessjar tal-Valur Ġenetiku ta' Nagħaġ u Mogħoż tar-Razza Pura għat-Tgħammir

BIS-SAĦĦA tas-setgħa mogħtija bl-artikolu 34(c) ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, il-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u skop

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa Regolamenti ta' l-2003 dwar Metodi għall-Monitoraġġ tal-Ħidma u l-Assessjar tal-Valur Ġenetiku ta' Nagħaġ u Mogħoż tar-Razza Pura għat-Tgħammir.

(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti huwa l-implimentazzjoni tar-regoli mniżżla taħt id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea 90/256/EEC li tistabbilixxi l-metodi għall-monitoraġġ tal-ħidma u l-assessjar tal-valur ġenetiku ta' nagħaġ u mogħoż tar-razza pura għat-tgħammir. Din id-Deċiżjoni issib bażi legali taħt id-Direttiva tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropeja 89/361/EEC artikolu 4, it-tielet indent.

Metodi ta' monitoraġġ tal-ħidma u l-metodi għall-assessjar tal-valur ġenetiku

2. Il-metodi ta' monitoraġġ tal-ħidma u l-metodi għall-assessjar tal-valur ġenetiku ta' nagħaġ u mogħoż tar-razza pura għat-tgħammir għandhom ikunu kif stabbilit fl-Iskeda ma dawn ir-regolamenti.

B 4256

SKEDA

Il-mertu ġenetiku ta' nagħaġ u mogħoż tar-razza pura għat-tgħammir jista' jkun kalkulat bl-użu ta' wieħed jew aktar mill-metodi li ġejjin. Id-*data* kollha li tingħabar mir-riżultati tat-testijiet trid tkun aċċessibbli għall-awtorità kompetenti. Ir-riżultati finali jridu jkunu aċċessibbli.

I. Testjar tal-ħidma.

1. Testjar tal-ħidma fl-istazzjon.

(a) L-isem tal-korp jew ta' l-awtorità responsabbli għall-istazzjon u l-isem ta' l-awtorità responsabbli għall-kalkolazzjoni u l-pubblikazzjoni tar-riżultati iridu jingħataw.

(b) Trid tingħad l-intenzjoni tat-test.

(ċ) L-oġġetti li ġejjin iridu jintqalu b'mod ċar:

- il-kondizzjonijiet biex ikunu aċċettati fl-istazzjon u b'mod partikulari l-età massima jew piż ta' l-annimali żgħar għat-tgħammir fil-bidu tat-test u n-numru ta' l-annimali,

- it-tul tal-perjodu tat-test fl-istazzjon jew il-piż finali, tip ta' dieta u s-sistema ta' l-għalf.

(d) It-traċċi reġistrati (eżempju l-piż meta ħajjin, il-bdil ta' l-għalf, l-istima ta' l-għamla tal-ġisem, il-produzzjoni tal-ħalib, l-għamla tal-ħalib, il-kwalità tal-produzzjoni tas-suf jew xi *data* oħra relevanti) għandhom jintqalu.

(e) Il-metodu użat biex ikun stmat il-mertu ġenetiku irid ikun xjentifikament aċċettat skond il-prinċipji żootekniċi stabbiliti.
Il-mertu ġenetiku ta' annimal għat-tgħammir testjat irid jitniżżel bħala valur għat-tgħammir jew paragun kontemporanju għal kull traċċa.

2. Testjar ta' ħidma fuq razzett.

Test tal-ħidma jista' jsir fuq razzett li jipprovdi li fl-aħħar tat-test, il-mertu ġenetiku jista' jkun kalkulat fuq prinċipji żootekniċi stabbiliti.

II. Reġistrar tal-ħalib u assessjar tal-valur ġenetiku ta' annimali nisa għal traċċi tal-ħalib.

1. Iridu jingħataw l-isem tal-korp jew ta' l-awtorità responsabbli għat-testjar u l-isem ta' l-awtorità responsabbli għall-kalkulazzjoni u l-pubblikazzjoni tar-riżultati.

2. Trid tintqal l-intenzjoni tat-test.

3. It-traċċi reġistrati bi qbil man-normi stabbiliti mill-Kumitat Internazzjonali għal reġistrar ta' produttività ta' annimali tal-ħalib (eżempju produzzjoni tal-ħalib, għamla tal-ħalib jew xi data oħra relevanti) għandhom jintqalu.

4. Reġistri tal-ħalib użati fid-determinazzjoni tal-mertu ġenetiku ta' annimali nisa għal traċċi tal-ħalib iridu:

(a) jirrelataw għal perjodu ta' żmien li jkun konformi man-norma stabbilita mill-Kumitat Internazzjonali għal reġistrar ta' produttività ta' annimali tal-ħalib;

(b) jkunu aġġustati għal kull influwenza ambjentali importanti.

5. Il-metodu użat biex ikun stmat il-mertu ġenetiku irid ikun xjentifikament aċċettabbli skond il-prinċipji żootekniċi stabbiliti. Il-mertu ġenetiku ta' annimal għat-tgħammir testjat irid jitniżżel bħala valur għat-tgħammir jew paragun kontemporanju għal kull traċċa.

III. Testjar ta' *progeny* u/jew *collaterals*

1. Iridu jingħataw l-isem tal-korp jew ta' l-awtorità responsabbli għat-testjar u l-isem ta' l-awtorità responsabbli għall-kalkulazzjoni u l-pubblikazzjoni tar-riżultati.

2. Il-mertu ġenetiku ta' l-annimal għat-tgħammir ikun kalkulat bl-assessjar tal-kwalitajiet ta' numru sodisfaċenti ta' *progeny* u, fejn xieraq, *collaterals* dwar:

(a) il-produzzjoni tal-laħam jew il-karatteristiċi tat-tgħammir: deskrizzjoni dettaljata tal-metodu tat-test trid tingħata jew tkun kwotata, il- *progeny* u/jew il-collaterals ma jistgħux ikunu trattati b'mod selettiv, ikunu rikonoxxuti tliet tipi ta' testijiet ta' *progeny* u/jew *collaterals*:

(i) testjar ċentrali fi *progeny* u/jew *collaterals testing station*;
(ii) aktar testjar pjanat fuq *progeny* u/jew *collateral*. Il-*progeny* u/jew il-*collaterals* għandhom ikunu mqassma fil-merħliet b'mod li jkun possibbli paragun validu bejn l-annimali għat-tgħammir;

(iii) *data* miġbura fuq karkassi ta' *progeny* u/jew *collateral* identifikati;

(b) karatteristiċi tal-ħalib: l-intenzjoni tat-test trid tintqal, in-nisa ma jistgħux ikunu trattati b'mod selettiv, il-produzzjoni tal-ħalib u l-għamla tal-ħalib għandhom ikunu nklużi meta jkun kalkulat il-mertu ġenetiku.

3. Il-*progeny* u/jew *collaterals* iridu jkunu magħżula b'mod mhux influwenzat. Id-*data* kollha relevanti trid tintuża fl-assessjar tal-mertu ġenetiku ta' l-annimali għat-tgħammir. Fl-għażla tal-valur tat-tgħammir, l-influwenzi li mhumiex karatteristiċi ġenetiċi jridu jkunu eliminati bi proċeduri xierqa.

4. It-traċċi reġistrati (eżempju żieda fil-piż meta ħajjin, bidla fl-għalf, kwalità tal-karkassa, produzzjoni tal-ħalib, għamla tal-ħalib, kwalità tal-produzzjoni tas-suf, karatteristiċi riproduttivi, fertilità, prolifiċità, vijabilità tal-*progeny* u/jew *collaterals* jew xi *data* oħra relevanti) iridu jintqalu.

5. Il-metodu użat għall-istima tal-mertu ġenetiku irid ikun xjentifikament aċċettabbli skond prinċipji żootekniċi stabbiliti.